**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 68**
**L-Erbgħa, 7 ta' Diċembru, 2022 fl-4:00 p.m.**

**GARAXXIJIET TAL-GVERN MIKRIJA**

**3920. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm garaxxijiet tal-Gvern mikrija għand persuni għall-użu personali tagħhom mill-2021 sal-lum, lokalità b'lokalità?

14/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-2021 sal-lum, l-Awtorità tad-Djar kriet garaxx wieħed lil persuna għall-użu personali tagħha ġewwa Bormla. Barra minn hekk l-Awtorità tad-Djar mexxiet il-proċess għal kiri ta' 399 garaxx u spazji ta' parkeġġ f'Ħ'Attard, Birkirkara, Bormla, Ħal Kirkop, l-Imsida, il-Qrendi, is-Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ u ż-Żurrieq.

Seduta 68
07/12/2022

**RESITS TAS-SEC TAL-MALTI, INGLIŻ U MATEMATIKA**

**3921. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm studenti qagħdu għar-resists tas-SEC fis-sena 2022 fis-suġġett tal-Malti, Ingliż u Matematika?

14/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab pubblika https://www.um.edu.mt/matsec/reportscommunication/generalstatistics

Seduta 68
07/12/2022

**RESITS TAS-SEC**

**3922. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm studenti qagħdu għar-resists tas-SEC fis-sena 2022 f'suġġetti oħra minbarra l-Malti, l-Ingliż u l-Matematika? Jista' jgħid liema suġġetti kienu?

14/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab pubblika https://www.um.edu.mt/matsec/reportscommunication/generalstatistics

Seduta 68
07/12/2022

**SKEJJEL TAL-GVERN – TFAL BARRANIN**

**3923. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm tfal barranin fl-iskejjel tal-Gvern? Jista' jelenka l-ammont lokalità b'lokalità u minn liema pajjiż ġejjin?

14/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 68
07/12/2022

**KULLEĠĠI U SKEJJEL STATALI PRIMARJI – HANDYMEN U CLEANERS**

**3924. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm handymen u cleaners f'kull kulleġġ u skejjel statali primarji?

14/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-total ta' handymen u cleaners fil-kulleġġi u skejjel statali primarji hu ta' 579.

Seduta 68
07/12/2022

**NURSERIES TAL-FUTBOL - INVESTIMENT**

**3925. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'investiment sar fin-nurseries tal-klabbs tal-football?

14/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fost għajnuna oħra li tingħata lill-klabbs tal-football, inkluż nurseries kemm f'Malta u wkoll f'Għawdex, li tinkludi għotjiet finanzjarji, qed jiġi implimentat ftehim li kien iffirmat kmieni s-sena li għaddiet b'investiment ta' €6 miljun, li permezz tiegħu fuq medda ta' tmien snin se jinbidlu 55 wiċċ ta' ground f'Malta u 13 f'Għawdex. Minn dan l-investiment se jibbenefikaw 68 klabb tal-futbol f'Malta u Għawdex kif ukoll assoċjazzjonijiet li huma membri tal-MFA.

Seduta 68
07/12/2022

**MGA – ĦADDIEMA PROFESSJONISTI**

**4159. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm professjonisti fi ħdan l-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob (MGA)? F'kull każ, x'inhi l-professjoni tagħhom u f'liema qasam regolatorju jaħdmu?

18/11/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru jikkonsidra l-ħaddiema kollha tal-MGA huma meqjusa professjonisti f'xogħolhom; tant hu hekk li sena wara sena din l-entità qed tkun strumentali għat-tisħiħ ta' dan is-settur fl-ekonomija Maltija. Għaldaqstant nitlob lill-Onor. Interpellant jiċċara l-mistoqsija tiegħu.

Seduta 68
07/12/2022

**MCA – ĦADDIEMA PROFESSJONISTI**

**4160. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm professjonisti fi ħdan l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA)? F'kull każ, x'inhi l-professjoni tagħhom u f'liema qasam regolatorju jaħdmu?

18/11/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru jikkonsidra l-ħaddiema kollha tal-MCA huma meqjusa professjonisti f'xogħolhom; tant hu hekk li sena wara sena din l-entità qed tkun strumentali għat-tisħiħ ta' dan is-settur fl-ekonomija Maltija. Għaldaqstant nitlob lill-Onor. Interpellant jiċċara l-mistoqsija tiegħu.

Seduta 68
07/12/2022

**REWS – MIŻURI GĦAL XOGĦOL MA' OPERATURI OĦRA**

**4183. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x'miżuri hemm biex meta membru tal-Bord tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) jew CEO tar-REWS jiġi fi tmien il-ħatra tiegħu, għal żmien raġonevoli dan ma jkunx jista' jagħmel xi xogħol taħt forma ta' konsulenza jew mod ieħor ma' xi operatur li r-REWS tirregola l-operat tiegħu?

21/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-liġi tar-Regolatur (Kap. 545) tistipula li l-membri tal-Bord għandhom jevitaw kull konflitt ta' interess u huma obbligati wkoll li jippreservaw il-kunfidenzjalità dwar l-informazzjoni miksuba u dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mar-Regolatur anke wara li tintemm il-ħatra tagħhom. Barra minn hekk, l-impjegati kollha fl-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll il-membri tal-bordijiet, huma marbuta bil-Kodiċi tal-Etika li hemm fl-Ewwel Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 595).

Min-naħa tiegħu, il-Kap Eżekuttiv huwa marbut ukoll bil-provvedimenti tad-Direttiva 14, imsejħa '*Governing Framework for the Management of the Revolving Door Policy for Public Employees*', li, sa perjodu massimu ta' sentejn, tipprekludih milli jidħol f'relazzjoni ta' profitt ma' xi intrapriża privata jew korp mhux governattiv li magħhom ikun tratta f'kapaċità uffiċjali sa ħames snin qabel ikun telaq mill-impjieg pubbliku.

Seduta 68
07/12/2022

**REWS – PAKKETTI TA' IMPJIEG**

**4184. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x'miżuri qed jittieħdu biex ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) effettivament tkun tista' tattira l-aħjar professjonisti fis-swieq li hi tirregola, b'pakketti ta' impjieg li jikkompetu sew ma' dawk li joffri s-settur privat?

21/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-pakketti ta' termini u kundizzjonijiet li jingħataw mir-Regolatur huma komparabbli ma' dawk li jeżistu fis-settur pubbliku usa'. Ir-Regolatur joffri pakketti ta' termini u kundizzjonijiet attraenti li jibbilanċjaw l-element finanzjarju ma' elementi oħrajn, fosthom sistema ta' ħinijiet flessibbli u opportunitajiet ta' taħriġ u żvilupp.

Seduta 68
07/12/2022

**MFSA - MIŻURI GĦAL XOGĦOL MA' OPERATURI OĦRA**

**4185. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri hemm biex meta membru tal-Bord tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) jew CEO tagħha jiġi fi tmien il-ħatra tiegħu, għal żmien raġonevoli dan ma jkunx jista' jagħmel xi xogħol taħt forma ta' konsulenza jew mod ieħor ma' xi operatur li l-MFSA tirregola l-operat tiegħu?

21/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-MFSA tapplika l-obbligi ta' wara t-terminazzjoni stipulati fid-Direttiva No. 14, l-MFSA's Ethics Framework u l- ECB's Single Code of Conduct.

Qabel ma jaċċetta kwalunkwe ingaġġ, l-impjegat huwa obbligat li jiżvela l-intenzjoni tiegħu/tagħha biex l-MFSA twettaq valutazzjoni marbuta mad-Direttiva No. 14 u l-MFSA's Ethics Framework, kif ukoll jinnotifika liċ-Chair tal-ECB Supervisory Board u liċ-Chairman tal-ECB's Ethics Committee.

L-ECB Ethics Committee jagħmel il-valutazzjoni tiegħu, li b'riżultat l-ECB Governing Council imbagħad jiddeċiedi jekk tali rwol previst huwiex kompatibbli mal-ECB's Single Code of Conduct.

Seduta 68
07/12/2022

**MFSA – PAKKETTI TA' IMPJIEG**

**4186. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri qed jittieħdu biex l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) effettivament tkun tista' tattira l-aħjar professjonisti fis-swieq li hi tirregola b'pakketti ta' impjieg li jikkompetu sew ma dawk li joffri s-settur privat?

21/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi kull sena l-awtorità timbarka impjegati ġodda fuq vjaġġ ta' tagħlim kontinwu b'opportunitajiet ta' żvilupp fil-karriera tagħhom li jkopru s-settur kollu tas-servizzi finanzjarji, l-IT, u opportunitajiet oħra f'ambjent korporattiv professjonali.
L-MFSA għandha impjegati b'esperjenza u talent u toħloq opportunitajiet biex tgħin fl-iżvilupp tal-karriera u l-kompetenzi tal-impjegat.

Seduta 68
07/12/2022

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – ĦAJT IMDAWWAR MA' ART MHUX ŻVILUPPATA**

**4311. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Awtorità tal-Ippjanar għadhiex titlob li art, f'żona tal-bini u li tinsab mhux mibnija, jittella' ħajt u xatba biex jiġi evitat rimi ta' skart u ma tkunx eyesore?

22/11/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tal-Ippjanar tesiġi li sit mhux mibni f'żona tal-iżvilupp jingħalaq b'ħajt meta d-dehra ta' din l-art tkun ta' ħsara għall-ġmiel taż-żona li jkun fiha u dan skont Artiklu 99(1) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp tal-2016.

Seduta 68
07/12/2022

**POLICY DWAR IL-ĠBIR TAL-ILMA TAX-XITA**

**4312. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk għadhiex fis-seħħ il-policy li kull żvilupp ikollu bir/reservoir tal-ilma tax-xita biex dan jiġabar fih u ma jintilifx? Jekk din il-policy għadha fis-seħħ, jista' jgħid jekk hux infurzata u mitluba?

22/11/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nixtieq ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-ħtieġa ta' bir ma' kull żvilupp ġdid huwa regolat skont l-Energy Performance of Buildings Regulations (2012) ppubblikata bl-Avviż Legali 376 ta' 2012.
Policy P47 (Water Reservoirs) f'dokument Development Control Design Policy, Guidance and Standards 2015, tesiġi li kull żvilupp ġdid (sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi speċjali li jiddettaw l-kontra), irid ikollu bir biex jilqa' x-xita skond Technical Guidance Document F- Conservation of Fuel, Energy and Natural Resources (Minimum Requirement on the Energy Performance of Buildings Regulations, 2006.

Seduta 68
07/12/2022

**SAN ĠILJAN – WIED GĦOMOR – ILMA TAX-XITA**

**4313. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'passi ser jieħu l-Ministeru tiegħu fid-dawl tal-problemi serji ta' ilma tax-xita li qed jinġabar fit-tarf tat-Triq Wied Għomor ġewwa San Ġiljan, fejn ir-residenti ma jistgħux jidħlu fil-proprjetà tagħhom? Hemm ħsieb li jkun hemm livelli ġodda ta' din it-triq?

22/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 68
07/12/2022

**SPTAR MATER DEI - PPV WITH IOL RETRIEVAL AND SECONDARY AC IMPLANT UNDER LA**

**4384. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta l-Isptar Mater Dei se jordnaw '25g PPV with IOL retrieval and secondary AC implant under LA' biex tkun tista' ssir l-operazzjoni meħtieġa u meta se jaslu f'Malta?

24/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi il'25g PPV with IOL retrieval and secondary AC implant under LA' kienu ordnati fit-28 ta' Novembru 2022.

Seduta 68
07/12/2022

**PULIZIJA – RAPPORT DWAR INĊIDENT TA' SEWWIEQ TA' E-SCOOTER**

**4385. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid fejn wasal ir-rapport li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatement, fejn e-scooter user weġġa' gravi resident f'għajnejh fit-28 ta' April 2022?

24/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Il-Ministru ma jkunx involut bl-investigazzjonijiet. Nistieden lill-Onor. Interpellant jitlob lill-vittma sabiex jagħmel/tagħmel kuntatt mal-Victim Support Agency u tingħata l-informazzjoni u l-għajnuna kollha li hemm bżonn. Inkella jipprovdi d-dettalji tal-vittma b'mod privat u jkun ikkuntatjat / ikkuntatjata.

Seduta 68
07/12/2022

**TAS-SLIEMA – CHALET – DEVELOPMENT BRIEF**

**4386. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3850, fejn il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-brief dwar ix-Chalet li kien ħareġ fl-2002, u fid-dawl li għaddew 20 sena u kien hemm anke numru ta' encroachments f'areas matul is-snin, jista' l-Prim Ministru jgħid jekk il-Gvern hux se jkun qiegħed jagħmel update ta' dan il-brief? Se jintalab li jkun hemm traffic u social impact assessments?

24/11/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kif jaf tajjeb, hemm sejħa għal espressjoni ta' interess. Huwa awtomatiku li meta l-proposti jkunu analizzati mill-awtoritajiet kompetenti jkun determinat ukoll xi studji hemm bżonn.

Seduta 68
07/12/2022

**ĦAŻ-ŻABBAR – TRIQ IL-FARFETT TAL-FEJĠEL - SPEZZJONIJIET**

**4457. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għall-mistoqsijiet parlamentari 2925 u 4103, jista' l-Ministru jara li tiġi installata camera fil-post inkwistjoni għax dan jispjega għala qed isir tindif regolari proprju minħabba irregolaritajiet?

25/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar illi l-Kunsill diġà ressaq it-talba tiegħu lill-entità kkonċernata sabiex jiġu installati kameras tas-sigurtà għal skopijiet ta' monitoraġġ u infurzar.

Seduta 68
07/12/2022

**BARKLORI - ĦLAS**

**4458. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid meta kienet l-aħħar darba li l-barklori ġew imħallsin skont il-liġi u ċjoè Kapitlu 73 tal-Ligijiet ta' Malta?

25/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 68
07/12/2022

**ĦAŻ-ŻABBAR – TRIQ IL-FARFETT TAL-FEJĠEL - SPEZZJONIJIET**

**4459. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 2927 u 4102, tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tar-rapporti hemm indikati u tara li tiġi installata camera fil-post inkwistjoni għax dan jispjega għala qed isir tindif regolari proprju minħabba irregolaritajiet?

25/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Qiegħda npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba. Infurmata li l-ERA ma rċevietx rapporti f'dan il-kuntest, però ħa żżid il-frekwenza ta' monitoraġġ f'dan is-sit. Rigward l-installazzjoni ta' CCTV, l-ERA se tkun qed tikkomunika mal-Kunsill Lokali rispettiv.

Seduta 68
07/12/2022

**ĊENTRU TAL-ARBITRAĠĠ – REĠISTRAZZJONI TA' ARBITRAĠĠI INTERNAZZJONALI**

**4460. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew reġistrati arbitraġġi internazzjonali fiċ-Ċentru tal-Arbitraġġ matul din is-sena u kemm minnhom għadhom pendenti?

25/11/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul din is-sena sat-28 ta' Novembru 2022, ġew irreġistrati maċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ 9 każijiet ta' arbitraġġ internazzjonali li kollha għadhom pendenti.

Seduta 68
07/12/2022

**RAĦAL ĠDID – PJAZZA ANTOINE DE PAULE**

**4461. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għall-mistoqsijiet parlamentari 1390, 1657, 2056 u 2928, jista' l-Ministru jinforma b'mod dettaljat lill-Kamra ladarba huwa urġenti li jsir, f'liema pożizzjoni jinsab il-pjan neċessarju sabiex il-Pjazza Antoine de Paule f'Raħal Ġdid issir mill-ġdid?

25/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li r-rapporti tekniċi fuq din il-pjazza għaddew għand entitajiet oħra pubbliċi sabiex ikun hemm koordinament bil-ghan li l-Pjazza Antoine de Paule, Raħal Ġdid tiġi rranġata. Informat ukoll li fil-frattemp hemm kwistjonijiet legali li qegħdin jiġu trattati u diskussi rigwardanti l-azzjoni legali appożita sabiex ir-rabta kuntrattwali mal-kuntrattur oriġinali tal-pjazza tintemm.

Seduta 68
07/12/2022

**WIED IL-GĦAJN – PJAN GĦAT-TURIŻMU**

**4462. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 2251 u 4099, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li l-pjan għat-turiżmu f'Wied il-Għajn jiġi mressaq 'il quddiem u ppreżentat fil-bidu tas-sena 2023 sabiex jiġi diskuss qabel is-sajf li ġej?

25/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2251.

Seduta 68
07/12/2022

**GREVIO BASELINE EVALUATION REPORT MALTA 2020 - RAKKOMANDAZZJONI**

**4553. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Peress li skont il-GREVIO Baseline Evaluation Report Malta 2020 "GREVIO urges the Maltese authorities to equip the police with the knowledge and powers to respond promptly and appropriately to all forms of violence against women covered by the Istanbul Convention. In particular, the Maltese authorities should:
a. pursue plans to set up a specialist unit on domestic violence, extending its remit where possible to other forms of violence against women such as FGM and forced marriage;
b. remind police officers of their due diligence obligation to immediately respond to, prevent and protect women from all forms of violence covered by the Istanbul Convention and apply the related sanctions for failure to do so;
c. secure innovative ways to eliminate the substantial barriers to reporting encountered in Gozo;
d. take measures to ensure that the prosecutorial competence of the police does not represent in practice a barrier to reporting for victims.",
jista' l-Ministru jgħid x'sar u x'qed isir mill-Gvern fuq din ir-rakkomandazzjoni?

28/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-Korp tal-Pulizija wettaq din ir-rakkomandazzjoni hekk kif sussegwentement għar-rakkomandazzjoni relatata ma' din il-mistoqsija, f'Ottubru tas-sena 2020 twaqqfet it-Taqsima dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika, fil-Korp tal-Pulizija. Din it-taqsima hija ġestita minn uffiċjali mħarrġa għal dan il-għan. L-uffiċjali li jifformaw parti minn din it-taqsima huma kollha mħarrġa f'dan il-qasam u ġew magħżula minħabba l-kwalitajiet u l-kapaċitajiet tagħhom, biex ikunu jistgħu jwettqu dawn id-doveri. Biex dan seta' jitwettaq, dawn l-uffiċjali ġew preparati u ngħataw taħriġ estensiv dwar kif jindirizzaw din il-problema soċjali ta' proporzjon sinifikanti, b'enfasi dwar is-sensittività u l-bżonnijiet uniċi li jitlob dan ix-xogħol, kif ukoll biex jifmhu x'inhuma l-obbligazzjoniiet tagħhom u l-metodoloġiji li jużaw waqt li jittrattaw sitwazzjonijiet ta' dan it-tip ta' abbuż. Dan anke b'enfasi ta' kif jistgħu jipprevenu dawn l-abbużi meta l-każ jippermetti. Huma wkoll konxji dwar l-elementi legali f'dan ix-xogħol u d-doveri li kull meta jkun hemm provi ammissibbli biżżejjed, jaraw li jittieħdu proċeduri fil-Qrati kontra l-awturi ta' dawn ir-reati. L-istħarriġ ġie estiż għal uffiċjali oħra li jaħdmu f-taqsimiet u diviżjonijiet barra mit-taqsima msemmija, u dan jinkludi uffiċjali li huma stazzjonati f'Għawdex, li għalihom saret referenza fir-rakkomandazzjoni. Dawn ta' l-aħħar ukoll jifmhu dak li huwa essenzjali biex bl-aħjar mod ikunu f'pożizzjoni li jieħdu ħsieb il-vittmi, kull meta jsir rapport magħhom u jaċċertaw li ma jkun hemm ebda ostakoli għal dawk il vittmi li jersqu biex jitolbu l-assistenza tagħhom. Sintendi, filwaqt li l-Pulizija f'Għawdex taħdem fil-qrib ma' professjonisti f'dan il qasam bħall-FSWS u NGOs oħrajn, bħalma jagħmlu kollegi tagħhom f'Malta, it-taħriġ ser ikompli u jevolvi aktar fix-xhur li ġejjin. Kull uffiċjal hu konxju mir-responsabiltajiet tiegħu prinċipalment li jipproteġi il-vittmi u l-familjari tagħhom u jagħmel dak kollu possibbli, biex titnaqqas il-vjolenza.

Seduta 68
07/12/2022

**ABBOZZ TA' LIĠI NRU 28**

**4554. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jikkonferma li l-Abbozz ta' Liġi Nru 28 li hu għamel l-Ewwel Qari tiegħu nhar il-21 ta' Novembru 2022, sar qabel ma ġie diskuss u/jew approvat mill-grupp parlamentari tal-Partit Laburista? Jista' jikkonferma li fil-fatt nhar l-Erbgħa, 23 ta' Novembru 2022, il-Grupp Parlamentari tan-naħa tal-Gvern iltaqa' fil-binja tal-parlament biex jiddiskuti dan l-Abbozz u li f'din il-laqgħa ma kienx hemm qbil unanimu fuq l-Abbozz kif ippreżentat?

28/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hi żbaljata fl-asserzjoni tagħha.

Seduta 68
07/12/2022

**CONSTANT GLUCOSE MONITORS**

**4555. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta se jitkompla r-rollout tal-Constant Glucose Monitors u jiċċara jekk dawn il-pazjenti hux se jingħataw il-monitor biss jew hux se jkollhom is-servizz ta' Remote Patient Monitoring ukoll?

28/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fil-ġimgħat li ġejjin ser ikun hemm aktar twessigħ (rollout) tas-sistema tal-ContinuousGlucose Monitors.

Seduta 68
07/12/2022

**STRATEĠIJA NAZZJONALI TAD-DIJABETE 2016-2020 – SURVEILLANCE SYSTEM TO MONITOR DIABETES**

**4556. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Peress li fl-Istrateġija Nazzjonali tad-Dijabete (2016-2020)(Pg 65) tgħid li "Our overall goal is to promote research into all aspects of diabetes and build an appropriate surveillance system to monitor diabetes incidence and prevalence as well as to document intermediate and terminal outcomes in order to continuously improve the quality of service for persons with diabetes.",jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid mill-2016 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, x'sar f'pajjiżna biex tinħoloq "an appropriate surveillance system to monitor diabetes"?

28/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Gvern ħatar żewġ konsulenti ġodda speċjalizzati fid-dijabete biex jaħdmu fis-settur tal-Kura Primarja. Dan sar biex jitnaqqas id-dewmien u l-istennija minn meta pazjent jinstab li qed ibati bid-dijatete sa meta jara għall-ewwel darba speċjalista fl-isptar. Il- konsulenti qed jaraw anke pazjenti li jkunu identifikati li ma jkunux għadhom dijabetiċi imma jkunu f'risku imminenti li taqbadhom id-dijabete f'qasir żmien, dik li nsejħulha pre-diabetic stage jew impaired glucose tolerance.
Infetħet ukoll 'Foot clinic' ġo B'Kara health center. Health centers prinċipali ġew mgħammra b'retinal scanner bil-għan li l-pazjenti jistennew inqas biex jirċievu dawn is-servizzi.
Dawn il-konsulenti, flimkien ma' dawk ta' Mater dei, malli jiltaqgħu ma' pazjenti dijabetiċi qegħdin jirreferuhom kollha mal-ewwel għand il-podoliġista u l-oftalmologu, ħalli jekk ikun hemm xi riskju ta' komplikazzjonijiet jinqabdu mal-ewwel.
Infakkar ukoll lill-Onor. Interpellant illi l-ispeċjalisti kollha tas-saħħa pubblika, anke dawk fi ħdan id-Direttorat għall-informazzjoni dwar is-Saħħa, kienu involuti fl-isforz kontra l-pandemija tal-Covid-19. Fl-aħħar xhur beda ezerċizzju ta' linkage bejn numru ta' reġistri eżistenti sabiex tinħoloq l-istatistika meħtieġa u din tkun ikkunsidrata u inkluża fit-tieni strateġija tad-dijabete.

Seduta 68
07/12/2022

**STRATEĠIJA NAZZJONALI TAD-DIJABETE 2016-2020 – REĠISTRU TAL-PAZJENTI**

**4557. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Peress li fl-Istrateġija Nazzjonali tad-Dijabete (2016-2020)(Pg 66) tgħid li "There is a pressing need to establish the necessary infrastructure for surveillance of diabetes at a national level. Whilst for other chronic illnesses such as cancer, the existence of a truly national register for the past twenty years has allowed the reasonably accurate monitoring of incidence and outcomes this has yet to be developed for diabetes.", jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fiex wasal ix-xogħol fuq ir-reġistru ta' pazjenti bid-Dijabete hekk kif kien ippjanat fid-Dokument tal-Istrateġija Nazzjonali tad-Dijabete 2016-2020?

28/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 4556.

Seduta 68
07/12/2022

**STRATEĠIJA NAZZJONALI TAD-DIJABETE 2016-2020 – SPECIFIC HEALTH LITERACY PROGRAMME FOR PERSONS WITH DIABETES**

**4558. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Peress li fl-Istrateġija Nazzjonali tad-Dijabete (2016-2020) (Pg 31) bħala azzjoni importanti fl-implimentazzjoni tagħha twiegħed "Development and implementation of a specific health literacy programme for persons with diabetes", jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fiex waslet din l-azzjoni?

28/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi diversi programmi u inizjattivi huma disponibbli biex iżidu l-litteriżmu dwar is-saħħa fost persuni li jgħixu bid-dijabete. Ktejjeb dettaljat dwar l-għajxien bid-dijabete għadu kif ħareġ u huwa disponibbli online fuq www.healthpromotion.gov.mt. Helpline dwar in-nutrizzjoni huwa disponibbli. Appoġġ huwa disponibbli mit-Taqsima tal-Edukazzjoni tad-Dijabete fl-Isptar Mater Dei minn infermiera tad-dijabete. Fis-sena 2022, kampanja nazzjonali ta' informazzjoni ffukat fuq zokkor moħbi fl-ikel.

Seduta 68
07/12/2022

**IMMIGRATION APPEALS BOARD – APPELLI PENDENTI**

**4595. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-ammont ta' appelli pendenti quddiem l-Immigration Appeals Board fil-mument li tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

29/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta għal din il-mistoqsija parlamentari tingħata f'seduta oħra.

Seduta 68
07/12/2022

**RENAL CLINIC ĠDID**

**4654. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx intenzjoni li tibda topera Renal Clinic ġdida li ma tkunx fl-isptar?

30/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tabib ewlieni tal-Gvern qiegħed iħejji brief intern dwar kif għandu jespandi s-servizz tar-Renal Dialysis fis-snin li ġejjin.

Seduta 68
07/12/2022

**RENAL UNIT – INFERMIERA ĠODDA**

**4655. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'kien in-numru ta' infermiera ġodda gradwati mill-Università ta' Malta li daħlu jaħdmu fir-Renal Unit fl-2021 u fis-sena preżenti, maqsuma sena b'sena?

30/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi kien hemm 4 infermiera ġodda li bdew jaħdmu r-Renal Unit fl-2021 u 4 infermiera ġodda bdew jaħdmu r-Renal Unit fl-2022.

Seduta 68
07/12/2022

**RENAL UNIT – INFERMIERA SPEĊJALIZZATI**

**4656. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'inhu n-numru ta' infermiera speċjalizzati li hemm jaħdmu fir-Renal Unit?

30/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi kull infermier fir-Renal Unit jingħata taħriġ fl-ispeċjalità.

Seduta 68
07/12/2022

**RENAL UNIT – TAGĦMIR SECOND HAND**

**4657. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx xi tagħmir (equipment) li jintuża fir-Renal Unit li nxtara second hand?

30/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi m'hemm l-ebda apparat li jintuża fir-Renal Unit li nxtara second hand.

Seduta 68
07/12/2022

**MAGNA TAR-RENAL DIALYSIS**

**4658. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-magna li tintuża għar-renal dialysis taħdimx b'sistema speċifika li tutilizza card bis-settings individwali għal kull pazjent? Jekk iva, jista' jgħid għalfejn din is-sistema mhijiex tintuża għas-sessjonijiet tad-dialysis kollha?

30/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-magni tal-kliewi jaħdmu permez ta' card bil-parametri tal-pazjenti individwali storjati fiha.

Seduta 68
07/12/2022

**RENAL NURSES TRASFERITI**

**4659. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il renal nurse kienu trasferiti lejn swali oħra sena b'sena matul l-aħħar ħames snin?

30/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella t'hawn taħt.

| | |
|---|---|
| 2018 | 2 |
| 2019 | 6 |
| 2020 | 2 |
| 2021 | 1 |
| 2022 | 2 |

Seduta 68
07/12/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR – BYPASS – STORBJU MINN VETTURI**

**4669. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jieħu l-passi neċessarji biex ir-residenti ta' San Pawl il-Baħar, b'mod partikolari r-residenti li joqogħdu relattivament qrib il-bypass ta' San Pawl il-Baħar, ma jibqgħux jiġu soġġettati għal storbju qawwi ta' vetturi (minħabba veloċita eċċessiva) għaddejjin mill-istess bypass għaliex spiss qed jispiċċaw ma jistgħux jorqdu b'dan l-istess storbju?

01/12/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 68
07/12/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR – RAPPORTI TA' STORBJU LILL-KUNSILL LOKALI**

**4670. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il rapport ta' storbju ġġenerat minn vetturi fil-bypass ta' San Pawl il-Baħar ġie rrapportat lill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar mill-1 ta' Jannar 2022 sad-data meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? X'passi ttieħdu mill-Kunsill Lokali fuq dawn l-istess rapporti?

01/12/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar li lmenti relatati ma' sewqan b'mod abbużiv jidħlu lill-Kunsill minn żmien għal żmien, prattikament dwar it-toroq kollha madwar il-lokalità. F'każi simili hija prassi li l-Kunsill Lokali jinnotifika lill-entità responsabbli mit-triq inkwistjoni skont il-każ.

Seduta 68
07/12/2022

**SPTAR MATER DEI – SERVIZZ TA' QTUGĦ TA' XAGĦAR JEW TQAXXIR TAL-LEĦJA LILL-PAZJENTI**

**4671. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk fl-Isptar Mater Dei hemmx persuni li jagħtu servizz ta' qtugħ ta' xagħar, jew tqaxxir tal-leħja lill-pazjenti li jkunu rikoverati fl-isptar għal tul ta' żmien? Jekk iva, kif jista' pazjent jingħata dan is servizz?

01/12/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fl-Isptar Mater Dei jingħata s-servizz ta' barbier lill-pazjenti li jitolbuh.

Seduta 68
07/12/2022

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – LAQGĦA MAL-MUMN – DIRETTIVI DWAR DJAR TAL-ANZJANI**

**4685. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Peress illi f'intervista li ta l-Ministru lill-ġurnal *The Times of Malta* fid-29 ta' Novembru 2022 qal li wasal iż-żmien li jiltaqa' mal-MUMN u jiddiskutu flimkien il-problema ta' anzjani li mhux qed jitħallew jidħlu f'San Vincenz de Paul jew fid-Djar Residenzjali minħabba d-Direttivi eżistenti li ilhom fis-seħħ għal diversi ġimgħat, għaldaqstant jista' l-Ministru jgħid jekk iltaqax mal-MUMN minn dakinhar sal-lum u jekk iva jgħid jekk kienx hemm xi żviluppi u x'tip ta' żviluppi kien hemm? Jekk sal-lum għadu ma ltaqax, jista' l-Ministru jagħti indikazzjoni ta' meta ser ikun qed jiltaqa' mal-MUMN?

01/12/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** B'dispjaċir ninforma lill-Onor. Interpellanta li wara li saret il-laqgħa tal-20 ta' Ottubru 2022, ma sarux aktar laqgħat.
It-tmexxija tal-unjin, li qed issir referenza għaliha, irrifjutat jew injorat diversi talbiet biex issir il-laqgħa li qed tirreferi għaliha l-Onor. Interpellanta. Dawn it-talbiet simili saħansitra jmorru lura għal Lulju.
Jien dejjem nibqa' dispost li niltaqa' għax irrid naġixxi dejjem fl-interess tal-anzjani kif ukoll il-ħaddiema u nemmen f'soluzzjonijiet ġusti għal kulħadd biex tibqa' tingħata wkoll l-akbar attenzjoni u kura lir-residenti li huma fl-aktar pożizzjoni vulnerabbli.

Seduta 68
07/12/2022

**XEMXIJA HERITAGE TRAIL – PROĠETTI U INVESTIMENT**

**4686. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid xi proġetti u x'investiment huma maħsuba biex ix-Xemxija Heritage Trail, f'San Pawl il-Baħar, tingħata l-importanza mistħoqqa? Liema huma dawk ix-xogħlijiet li hu mistenni li jitwettqu f'dan il-post proprju sabiex dan jiġi mħares, jingħata l-importanza mistħoqqa u jkun hemm apprezzament aħjar ta' dan il-wirt storiku tant importanti għal pajjiżna?

01/12/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar illi fil-bidu ta' din is-sena sar l-akbar investiment finanzjarju fix-Xemxija Heritage Trail, wara snin twal. Fil-fatt infurmat li wara proposta mressqa mill-Kunsill rispettiv, bank lokali ha l-inkarigu li jisponsorja r-restawr kollu tal-grada prinċipali u t-tisħiħ fis-sistema tal-elettriku tal-'Underground Mill'. L-inizjattiva ħasbet ukoll biex saret tindifa ġenerali.

Intant infurmat ukoll li fil-preżent il-Kunsill qed jassisti NGO ġdida li twaqqfet minn esperti fil-qasam sabiex dan is-sit jingħata l-akbar attenzjoni possibbli.

Seduta 68
07/12/2022

**GRUPP DWAR L-OPERAT TAL-FIAU – ĦLAS**

**4705. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4050, jista' l-Ministru jgħid kemm tħallsu l-grupp ta' esperti li qal li kellu jappunta biex janalizza l-operat fil-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU)?

01/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-PQ 4049.

Seduta 68
07/12/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR – BERĠA**

**4707. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għad-domandi parlamentari 3902 u 4415 u r-risposti tagħhom dwar berġa fl-inħawi ta' Pawl il-Baħar, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jinforma jekk ġiex identifikat is-sit fejn ser tkun qiegħda tinfetaħ din il-Klinika tal-Komunità? Jekk iva f'liema triq ser tkun qiegħda tinfetaħ din l-istess klinika?

01/12/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 3902.

Seduta 68
07/12/2022

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - BENEFIĊĊJI U GĦAJNUNA FINANZJARJA LI NGĦATAT GĦALL-PRODUZZJONI TA' FILMS LOKALI**

**4714. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jsemmi kull benefiċċju, għotja jew kull tip ta' għajnuna oħra finanzjarja jew taħt xi forma oħra, li ngħataw fil-produzzjoni tal-films lokali u jew produzzjonijiet oħrajn, jew kull tip ta' għajnuna oħra għal skop ieħor li għalihom applikaw il-persuni jew il-kumpaniji msemmija separatament, inkluż l-entitajiet u l-awtoritajiet kollha relattivi taħt id-dekasteru tiegħu, mill-2013 'il hawn?

02/12/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li taħt id-dekasteru tiegħi ma ngħatawx benefiċċji, għotji jew għajnuniet oħra finanzjarji lill-produzzjonijiet tal-films lokali (persuni/kumpaniji msemmija separatament).

Seduta 68
07/12/2022

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - BENEFIĊĊJI U GĦAJNUNA FINANZJARJA LI NGĦATAT GĦALL-PRODUZZJONI TA' FILMS LOKALI**

**4715. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jsemmi kull benefiċċju, għotja jew kull tip ta' għajnuna oħra finanzjarja jew taħt xi forma oħra, li ngħataw fil-produzzjoni tal-films lokali u jew produzzjonijiet oħrajn, jew kull tip ta' għajnuna oħra għal skop ieħor li għalihom applikaw il-persuni jew il-kumpaniji msemmija separatament, inkluż l-entitajiet u l-awtoritajiet kollha relattivi taħt id-dekasteru tiegħu, mill-2013 'il hawn?

02/12/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar u t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 68
07/12/2022

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - BENEFIĊĊJI U GĦAJNUNA FINANZJARJA LI NGĦATAT GĦALL-PRODUZZJONI TA' FILMS LOKALI**

**4716. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru ssemmi kull benefiċċju, għotja jew kull tip ta' għajnuna oħra finanzjarja jew taħt xi forma oħra, li ngħataw fil-produzzjoni tal-films lokali u/jew produzzjonijiet oħrajn, jew kull tip ta' għajnuna oħra għal skop ieħor li għalihom applikaw il-persuni jew il-kumpaniji msemmija separatament, inkluż l-entitajiet u l-awtoritajiet kollha relattivi taħt id-dekasteru tagħha, mill-2013 'il hawn?

02/12/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-2013 sal-lum, il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità xtrat is-servizzi ta' Jon Mallia għal total ta' €10,466.60 (VAT inkluż), u Take2 Ltd għal total ta' €5,798.50 (VAT inkluż), skont it-tabelli provduti hawn isfel. Ma sarux pagamenti u/jew sponsorships lill-persuni jew kumpaniji msemmija separatament mill-Ministeru u/jew xi entità oħra li taqa' taħt dan il-portafoll.

| **Jon Mallia** | | |
|---|---|---|
| Data tal-ħlas | Dettalji | Ammont |
| 2018 | Ħolqien u preżentazzjoni ta' scripts għall-produzzjoni 'Fi Kliemna' | €3,056.20 |
| 2020 | Workshops għal 'Fi Kliemna' | €1,746.40 |
| 2020 | Kitba ta' żewġ scripts għal 'Fi Kliemna' | €2,950.00 |
| 2020 | Workshops għall-produzzjoni 'Fi Kliemna' | €778.80 |

| | | |
|---|---|---|
| 2021 | Kitba mill-ġdid tal-iscript 'Kull deni ħudu b'ġid' | €1,085.60 |
| 2021 | Rehearsels għall-produzzjoni 'Kull deni ħudu b'ġid' | €849.60 |

| **Take2 Ltd** | | |
|---|---|---|
| Data tal-ħlas | Dettalji | Ammont |
| 2020 | Filming ta' trailer | €413.00 |
| 2020 | Filming dwar il-Lingwa tas-Sinjali | €265.50 |
| 2022 | Produzzjoni ta' film qasir | €5,120.00 |

Seduta 68
07/12/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - BENEFIĊĊJI U GĦAJNUNA FINANZJARJA LI NGĦATAT GĦALL-PRODUZZJONI TA' FILMS LOKALI**

**4717. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jsemmi kull benefiċċju, għotja jew kull tip ta' għajnuna oħra finanzjarja jew taħt xi forma oħra, li ngħataw fil-produzzjoni tal-films lokali u/jew produzzjonijiet oħrajn, jew kull tip ta' għajnuna oħra għal skop ieħor li għalihom applikaw il-persuni jew il-kumpaniji msemmija separatament, inkluż l-entitajiet u l-awtoritajiet kollha relattivi taħt id-dekasteru tiegħu, mill-2013 'il hawn?

02/12/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-figura hija nil.

Seduta 68
07/12/2022

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - BENEFIĊĊJI U GĦAJNUNA FINANZJARJA LI NGĦATAT GĦALL-PRODUZZJONI TA' FILMS LOKALI**

**4718. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jsemmi kull benefiċċju, għotja jew kull tip ta' għajnuna oħra finanzjarja jew taħt xi forma oħra, li ngħataw fil-produzzjoni tal-films lokali u/jew produzzjonijiet oħrajn, jew kull tip ta' għajnuna oħra għal skop ieħor li għalihom applikaw il-persuni jew il-kumpaniji msemmija separatament, inkluż l-entitajiet u l-awtoritajiet kollha relattivi taħt id-dekasteru tiegħu, mill-2013 'il hawn?

02/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma ngħataw l-ebda benefiċċji jew għajnuniet finanzarji f'dan ir-rigward.

Seduta 68
07/12/2022

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - BENEFIĊĊJI U GĦAJNUNA FINANZJARJA LI NGĦATAT GĦALL-PRODUZZJONI TA' FILMS LOKALI**

**4719. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jsemmi kull benefiċċju, għotja jew kull tip ta' għajnuna oħra finanzjarja jew taħt xi forma oħra, li ngħataw fil-produzzjoni tal-films lokali u/jew produzzjonijiet oħrajn, jew kull tip ta' għajnuna oħra għal skop ieħor li għalihom applikaw il-persuni jew il-kumpaniji msemmija separatament, inkluż l-entitajiet u l-awtoritajiet kollha relattivi taħt id-dekasteru tiegħu, mill-2013 'il hawn?

02/12/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-ebda mill-persuni jew mill-kumpaniji msemmija separatament ma ngħataw benefiċċju, għotja jew kull tip ta' għajnuna oħra finanzjarja jew taħt xi forma oħra mill-entitajiet u l-awtoritajiet kollha relattivi taħt id-dekasteru tal-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza.

Seduta 68
07/12/2022

**IMĠARR – SITI STORIĊI TAĦT IR-RESPONSABILITÀ TA' HERITAGE MALTA**

**4727. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar liema huma s-siti storiċi fil-limiti tal-Imġarr li Heritage Malta għandha taħt ir-responsabilità tagħha? Liema minn dawn is-siti huma miftuħa għall-pubbliku? X'investiment sar f'kull wieħed minn dawn is-siti matul din is-sena? X'investiment hu mistenni li jsir f'dawn l-istess siti, matul l-2023?

02/12/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li ż-żewġ siti li tamministra Heritage Malta fl-Imġarr huma t-tempji neolitici Ta' Ħaġrat u Skorba. Dawn huma miftuħa għall-pubbliku regolarment.

Matul din is-sena sar tindif u manutenzjoni ġenerali, u ġie prodott dokumentarju għat-televiżjoni li jiffoka fuq id-daħla ewlenija għal Ta' Ħaġrat u r-rwol tal-komunità tal-Imġarr fl-amministrazzjoni tas-sit minn meta ġie skopert. Dan l-episodju se jidher fl-2023.

Għas-sena d-dieħla se nkomplu bil-manutenzjoni regolari kif ukoll xogħlijiet oħrajn li jkunu bżonjużi.

Seduta 68
07/12/2022

**AIR MALTA – BORD TAD-DIRETTURI - MEMBRI**

**4737. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri tal-Bord tad-Diretturi tal-Air Malta, x'inhi l-kariga tagħhom u kemm ilhom membri ta' dan il-Bord?

02/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hi skont it-tabella hawn taħt:

| Isem | Kariga | Data tal-ewwel appuntament |
|---|---|---|
| Is-Sur David G. Curmi | Chairman Eżekuttiv | 1 ta' Jannar 2021 |
| Dr. Ernest Azzopardi | Direttur | 20 ta' Lulju 2020 |
| Is-Sur Reuben Fenech | Direttur | 30 ta' Marzu 2021 |
| Is-Sa Elvia George | Direttur | 30 ta' Marzu 2021 |
| Is-Sur Michael Grech | Direttur | 30 ta' Marzu 2021 |
| Prof. Philip von Brockdorff | Direttur | 20 ta' Lulju 2020 |

Seduta 68
07/12/2022

**REVENUE REMISSIONS SUPERVISORY BOARD - MEMBRI**

**4738. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri tar-Revenue Remissions Supervisory Board, x'inhi l-kariga tagħhom u kemm ilhom membri ta' dan il-Bord?

02/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hi skont it-tabella hawn taħt:

| Isem | Kariga | Id-data tal-ewwel appuntament |
|---|---|---|
| Dr John Consiglio | Chairman | 1 ta' Ġunju 2015 |
| Is-Sur Sergio Ebejer | Membru | 10 ta' April 2019 |
| Is-Sur Manfred Barbara | Membru | 18 ta' Ġunju 2021 |
| Is-Sur Bryan Degabriele | Membru | 18 ta' Ġunju 2021 |

Seduta 68
07/12/2022

**GENERAL CONTRACTS COMMITTEE – MEMBRI TAL-BORD TAD-DIRETTURI**

**4739. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri tal-Bord tad-Diretturi tal-General Contracts Committee, x'inhi l-kariga tagħhom u kemm ilhom membri ta' dan il-Bord?

02/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hi skont it-tabella hawn taħt:

| Isem | Kariga | Id-data tal-ewwel appuntament |
|---|---|---|
| Is-Sur Anthony Cachia | Chairman | 16 ta' Novembru 2013 |
| Is-Sa Lorraine Mangion Duca | Sub Chairperson | 27 ta' Novembru 2013 |
| Is-Sa Jacqueline Gili | Sub Chairperson | 15 ta' Novembru 2015 |
| Is-Sur Stephen Young | Membru | 27 ta' Novembru 2013 |
| Is-Sur Brian Farrugia | Membru | 27 ta' Novembru 2013 |
| Is-Sur Mario Borg | Membru | 5 ta' Jannar 2016 |
| Is-Sur David Magro | Membru | 10 ta' Awwissu 2022 |
| Is-Sur Jurgen Zammit | Membru | 6 ta' Diċembru 2013 |
| Is-Sa Anna Camilleri | Membru | 10 ta' Awwissu 2022 |
| Perit Vincent Cassar | Membru | 10 ta' Awwissu 2022 |

Seduta 68
07/12/2022

**REVIEW BOARD FOR REGISTRATION TAX - MEMBRI**

**4740. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri tar-Review Board for Registration Tax, x'inhi l-kariga tagħhom u kemm ilhom membri ta' dan il-Bord?

02/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hi skont it-tabella hawn taħt:

| Isem | Kariga | Id-data tal-ewwel appuntament |
|---|---|---|
| Is-Sur Michael Zammit Munro | Chairman | 17 ta' Lulju 2020 |
| Is-Sur Brian Farrugia | Membru | 25 ta' Novembru 2014 |
| Is-Sa Rhoda Garland | Membru | 25 ta' Novembru 2014 |
| Is-Sa Gail Spiteri | Membru | 5 ta' Novembru 2021 |
| Is-Sur Joseph Bugeja | Membru | 2 ta' Ġunju 2022 |

Seduta 68
07/12/2022

**REVIEW BOARD FOR REGISTRATION TAX EXEMPTION IN FAVOUR OF PHILANTHROPIC ORGANISATIONS - MEMBRI**

**4741. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri tar-Review Board for Registration Tax Exemption in Favour of Philanthropic Organisations, x'inhi l-kariga tagħhom u kemm ilhom membri ta' dan il-Bord?

02/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hi skont it-tabella hawn taħt.

| Isem | Kariga | Id-data tal-ewwel appuntament |
|---|---|---|
| Is-Sur Michael Zammit Munro | Chairman | 17 ta' Lulju 2020 |
| Is-Sur Marvin Schembri | Membru | 7 ta' Jannar 2015 |
| Is-Sur Lino Agius | Membru | 7 ta' Jannar 2015 |

Seduta 68
07/12/2022